14 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Mifsud

**Liċenza ta' Karrozza tal-Mutur — Sospensjoni — "Test" — Art. 97 tat-Traffic Regulations**

*Skond il-liġi, is-sospensjoni ta' liċenza ta' karrozza tal-mutur tista' tiġi ordnata jew mill-Qorti jew mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi dwar is-sospensjonijiet ta' liċenza ta' karozza in ġenerali juru li kwalunkwe provvediment meħud minn ħadd ieħor li jissospendi liċenza ta' karrozza huwa kontra l-liġi; u għal-hekk huwa inattendibbli.*

*Għalkemm ir-regolamenti tat-traffiku jgħidu illi s-sid ta' karrozza li jonqos milli jieħu l-karrozza għat-"test" ikollu l-liċenza ta' dik il-karrozza sospiża sakemm il-karrozza tkun ġiet eżaminata u għaddiet mit-"test", jibqa' dejjem li l-liċenza għandha tiġi sospiża mill-awtorità kompetenti.*

*Għalqdaqstant, il-pretensjoni tal-Prosekuzzjoni li l-liċenza ta' char-a-banc kienet sospiża għax il-karrozza ma ttieħdetx għat-"test" mhix sostenibbli, ladarba ma kienx hemm ordni tal-Qorti jew tal-Kummissarju tal-Pulizija għal din is-sospensjoni; u imputazzjoni f'dan is-sens ma hix sorretta, għaliex tkun nieqsa minn rekwiżit fondamentali.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Furjana, fit-3 ta' Ottubru, 1957, f'xi t-8.20 a.m., għamel użu minn char-a-banc 434 meta kienet sospiża mill-Pulizija;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ottubru 1957, li biha kkundannatu £1 ammenda u sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan għal tmien tijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-pont assorbenti ta' dan l-appell hu jekk il-liċenza tax-char-a-banc in kwistjoni kienetx sospiża. Il-Prosekuzzjoni tippretendi li kienet sospiża, għax il-karrozza ma ttieħdetx għat-"test" meta kien hemm ordni għal daqshekk mill-Pulizija;

Skond il-liġi, sospensjoni ta' liċenza tista' tiġi ordnata jew mill-Qorti jew mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ma tippretendix li kien hemm xi ordni ta' Qorti, u ma setgħetx lanqas tipproduċi ebda ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Id-dispożizzjonijiet rilevanti għas-sospensjonijiet ta' liċenzi tal-karrozzi in ġenerali huma r-regolamenti nri. 26, 41, 42, 43, 44, 45 u 125(1)(iii) tat-Traffic Regulations, u l-art. 17(2) tal-Kap. 105, u l-art. 18 ta' dak il-Kap., li jirriżerva favur il-Kummissarju tal-Pulizija l-poteri tas-sospensjoni ta' liċenzi lilu mogħtija bl-art. 79 tal-Kap. 13; kif ukoll il-"Police Licences Regulations" maħruġa taħt l-Att XXXIV tal-1949. Dawn id-dispożizzjonijiet juru li ma hemm ebda awtorità oħra, ħlief il-Qorti jew il-Kummissarju tal-Pulizija, li jistgħu, fil-każijiet kongruwi u rispettivi, jissospendu jew jirrevokaw il-liċenzi tal-karrozzi;

Kwalunkwe provvediment meħud minn ħadd ieħor, li

jissospendi liċenza ta' karrozza, hu kontra l-liġi, u għalhekk inattendibbli;

Gie ċitat mill-Prosekuzzjoni r-regolament nru. 97 tat-Traffic Regulations. Dan jgħid hekk:— "Any owner who fails to have his vehicle examined or re-examined as aforesaid, shall have the licence in respect of his vehicle suspended until such time as his vehicle has been examined and passed fit for the road";

Jibqa' dejjem, anki b'dan ir-regolament, li l-liċenza għandha tiġi sospiża "mill-awtorità kompetenti"; għax f'dak ir-regolament ma jingħadx li, jekk sid il-karrozza ma jmurx għat-test, allura l-liċenza għandha titqies "ipso facto" sospiża, imma jgħid "shall have the licence...... suspended — kliem li fis-sinifikat tagħhom ordinarju jfissru li l-liċenża tiġi sospiża mill-awtorità li lilha jmiss. Konferma ta' dan huma anke il-kliem tar-regolament 125(1). U hu naturali li jkun hekk; sabiex din l-awtorità tkun tista' qabel ma tiddekreta s-sospensjoni, tara jekk kienx hemm xi ċirkustanza ta' "vis major" li mpediet lis-sid milli jieħu l-karrozza għat-test;

Din il-Qorti tirrileva, kif kemm il-darba rrilevat, li fi proċeduri kriminali, u trattandosi partikularment ta' pieni, il-Qorti ma hija bl-ebda mod awtorizzata li tagħti lill-liġi, biex tkopri l-każ partikulari, interpretazzjoni li mhix konformi mat-termini tal-istess liġi, jew li tagħti interpretazzjoni tali li, b'effett tagħha, jiġi mogħti lil xi uffiċjal poter li l-liġi ma tagħtix lilu, imma lil ħadd ieħor;

Għalhekk, ladarba ma kienx hemm la ordni ta' Qorti, u lanqas ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-imputazzjoni hi nieqsa minn rekwiżit fondamentali, ċjoè dak li l-liċenza tal-karrozza kienet sospiża; u ma tistgħax tiġi sorretta;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.